# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs**

**Abraham Grima**

**Kumpilazzjoni 358/2021**

**Illum 04 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Abraham Grima** ta' 38 sena bin Abraham u Antoinette Grima nee Aquilina mwieled il-Pieta' nhar l-20 ta' Settembru 1982 u residenti numru 74, Triq M.A. Vassalli, Qormi detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0521482M,

**Akkuzat** talli:

1. Bejn is-16 ta' Mejju 2021 u is-17 ta' Mejju 2021 gewwa Triq ix-Xatt ta' Bormla, Bormal volontarjament ta' nar fuq vettura bil-mutur tal-

ghamla Toyota bi numru tar-registrazzjoni ACO 354 u dan ghad-detriment ta' Christabelle Zammit u/jew ta' persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara volontarja fuq l-imsemmija liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) ghad-dannu ta' Christabelle Zammit u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Marseann Farrugia LLD nhar it-12 ta' Ottubru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur tal-ispezzjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu jew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f'Artikoliu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Christabelle Zammit[1].

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi fis-seduta tas-7 ta' Gunju 2023.[2]

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

[1] Folio 1- 2 tal-process.
[2] Folio 10 tal-process.
[3] Folio 7 sa 9 tal-process.

Rat l-artikoli mahruga nhar l-20 ta' Frar 2023 mill-Avukat Generali.[4]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' dan il-kaz.[5]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomisssjonijiet finali tal-partijiet[6].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Il-kaz in ezami huwa dwar hruq ta' vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ACO 354 ghad-dannu ta' Christabelle Zammit. Dan il-hruq sehh fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Mejju 2021 u s-17 ta' Mejju 2021 gewwa Triq ix-Xatt, Bormla.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li kiser ordni ta' probation moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-12 t' Ottubru 2020.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

[4] Folio 665 tal-process.
[5] Folio 666 tal-process.
[6] Folio 707 tal-process. Datat 27/11/24.

Xehed l-i**Spettur Mario Xiberras** nhar il-21 ta' Gunju 2021 li spjega kif kien involut fl-investigazzjoni. Jghid li l-ispettur tad-distrett Clayton Camilleri informa il-Magistrat tal-Ghassa fejn hatret diversi esperti fosthom Dr. Daniel Vella bhala espert tan-nirien, Donald Tabone espert tekniku u Dr. Mario Buttigieg espert mekkaniku. Jghid li hu beda jinvestiga mal-iSpettur Jeffrey Scicluna u irrizultalu li l-vettura ACO 354 tghajjat lil Monique Borg imma kienet taghmel uzu minnha certa Christabelle Zammit u kienet ipparkjata hdejn hajt fejn l-Universita' Amerikana, Bormla. Huma raw il-filmati fejn raw persuna miexja b'qalziet three quarters u kien hafi, kellu hood u kellu landa fidu. Raw lil din il-persuna tixhet xi likwidu minn go kontenitur tal-plastik fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura u taha n-nar. Qabel ma sar il-hruq innutaw vettura ohra tat-tip Peugeot li wara irrizulta li kienet mudell 306 ta' kulur ahmar. In-number plate kien jibda bil-numru wiehed u fit-tarf bin-numru hamsa. Minn hemm waslu ghall-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAO 135 li tghajjat lill-imputat. Jirrizulta li l-mobile tal-imputat 7751995 kien fl-inhawi fil-hin tal-akkadut.[7] Jispjega li l-vettura minn naha ta' quddiem l-aerial ma kienx shih. Jispjega kif il-vettura tal-imputat kienet taqbel ma' dik il-vettura li raw fil-filmati tas-sigurta'. Inhareg mandat ta' arrest u l-imputat gie arrestat. Mitkellem ghall-ewwel ma riedx avukat pero' wara tkellem ma' Dr. Simon Micallef Stafrace. Hu baqa' jichad li kien involut fil-hruq tal-vettura. Jghid li l-imputat iddikjara li lill-vittma Christabelle Zammit jafha ghax kien joqghod hdejha u jafha minn fuq il-media socjali. L-imputat tressaq b'arrest.[8] L-ispettur ezebixxa numru ta' dokumenti.

[7] Folio 17 tal-process.
[8] Folio 20 tal-process.

Xehdet **Monique Borg** nhar il-21 ta' Gunju 2021 li spjegat li l-vettura de quo ghalkemm fuq isimha tappartjeni lil Christabelle Zammit u din taghtilha biex tuzaha biex taghmlilha pjacir.[9]

Xehdet **Christabelle Zammit** nhar il-21 ta' Gunju 2021 li spjegat kif ghaddiet il-gurnata tal-Hadd.[10] Issostni li kif harget barra, ghax xi hadd beda jghajtilha, rat il-vettura taghha taqbad. Tghid li hija cemplet il-112 u issostni li l-vettura taghha hija Toyota Vitz bajda bin-numru tar-registrazzjoni ACO 354. Tghid li kienet ilha tuzaha xi sena. Spjegat li wara l-incident bdiet tibza'. Tghid li lill-imputat tafu ghax kien jghix fil-passat fil-blokka taghha.

Kontro-ezaminata tghid li sa sena ilu ma kienx joqghod hemm. Tghid li hija ghamlet sentejn u erbgha xhur tghix hemm u fil-bidu kien hemm hu u telaq. Ma kellix argumenti pero' darba qaltlu fuq xi Marokkini li kienu qed jaghmlu l-istorbju fl-appartament tieghu u kienu qed idejquha. Hija qatt ma iggieldet mieghu ghalkemm talabha fergha tad-dawl u tal-ilma u hi ma riditx. Ma kellhiex argumenti mieghu.[11]

Xehed **PC 1081 Jonathan Farrugia** nhar it-28 ta' Lulju 2021 li jispjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni. Jaghti deskrizzjoni ta' x'ra fuq ic-CCTV. Jghid li hu kellu mandat biex jarresta lill-imputat u fil-fatt arrestah fl-ghassa ta' Hal-Qormi. Jghid li elevawlu l-mobile phone tal-marka Samsung u mill-kamra elevawlu senter tal-kacca tad-ditta Luigi Franchi[12].

[9] Folio 66 tal-process.
[10] Folio 68 tal-process.
[11] Folio 74 tal-process.
[12] Folio 88 tal-process.

Xehed **Angelo Buttigieg** nhar it-28 ta' Lulju 2021 fil-vesti tieghu ta' deputat registratur ta' dawn il-Qrati u ezebixxa process verbal bin-numru 625/2021 redatt mill-Magistrat Dottor Ian Farrugia.[13]

Xehdet **Marie Claire Tabone** nhar it-28 ta' Lulju 2021 fejn ikkonfermat li l-mobile bin-numru 77751995 jghajjat lill-imputat.[14]

Xehed l-i**Spettur Mario Xiberras** li esbixxa zewg ritratt li huwa ha tal-vettura HAO 135 li tghajjat lill-imputat.[15]

Xehdet **PS 2366 Jessica Degiorgio** nhar it-28 ta' Lulju 2021 fejn qalet li hija kienet xoghol l-ghassa ta' Bormla u interveniet flimkien mal-membri tal-protezzjoni civili li ssejhu biex jitfu n-nar fuq il-vettura. Hija spjegat kif ippruvat tigbor ic-CCTV tal-akkwati.[16]

Xehed **PC 791 John Borg** nhar it-28 ta' Lulju 2021 u qal li l-involviment tieghu kien biss illi informa l-kamra tal-kontroll bin-nar fuq il-vettura.[17]

Xehed **PC 1091 Wayne Cutajar** nhar it-28 ta' Lulju 2021 fejn qal li kien qaghad fixed point mal-vettura ACO 354 Toyota.[18]

Xehed **Donald Tabone** fejn esebixxa r-relazzjoni tieghu.[19]

---

[13] Folio 90 tal-process.
[14] Folio 101 tal-process.
[15] Folio 106 tal-process.
[16] Folio 110 tal-process.
[17] Folio 132 tal-process.
[18] Folio 134 tal-proces.
[19] Folio 177 tal-process. Ewro 885.07c spejjez.

Xehed **Franklin Calleja** fil-kariga tieghu ta' Assistent Registratur Qrati u Tribunali Kriminali li ezebixxa sentenza minn din il-Qorti kif diversament preseduta u ikkonferma li min din is-sentenza ma kienx hemm appell.[20]

Xehed is-**Surgent 90 Jeffrey Gerada** fis-17 ta' Novembru 2021 li spjega fid-dettal ir-rwol tieghu fl-investigazzjoni. Jghid li fuq il-vettura tal-imputat huwa investiga l-mudell u n-numru 1 u 5 u telghu 11-il vettura. Dar dawn il-hdax il-vettura u xi uhud minnhom ezaminhom b'ghajnejh. Jghid li l-vettura tal-imputat traccawha Hal-Qormi. Jghid li kellha rimmijiet partikolari u bumpers suwed. Jghid li anki l-aerial tal-vettura kien imkisser.

Kontro-ezaminat jghid li l-vetturi bhal tal-imputat kolla ma kienux qed jintuzaw. Dan ivverifikah personalment. Jghid li kien hemm minnhom bil-bumpers homor u mhux suwed jew rimmijiet differenti minn dawk li dehru fl-investigazzjoni.[21] Jikkonferma li l-imputat l-ewwel irrifjuta imbaghad ha parir ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Jghid li fl-interrogazzjoni ma kienx prezenti. Hu ipprezenta numru konsiderevoli ta' dokumenti in relazzjoni mal-vetturi tal-istess ghamla tal-imputat.

Xehed **Dr. Daniel Vella** nhar is-17 ta' Novembru 2021. Jghid li l-vettura kienet tqabbdet b'mod pjuttost irregolari minn quddiem u ukoll fuq in-naha ta' wara. Fin-nofs ma kien hemm l-ebda hruq. B'hekk jirrizulta li xi hadd qabbada. Jispjega li sab bott tal-plastik mdewwed b'accelerant li jidher li kien petrol. Jghid li instabet kalzetta sewda li ghaddiet lill-pulizija ghal aktar stharrig fuqha. [22] Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu.[23]

[20] Folio 312 u 313 tal-process.
[21] Folio 326 tal-process.
[22] Folio 381 tal-process.
[23] Folio 382 tal-process. Hlas Ewro 589.65c

Xehed l-i**Spettur Clayton Camilleri** nhar id-9 ta' Frar 2022 fejn spjega li kien hu li informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Ian Farrugia fejn inhatru l-esperti. Hu ipprezenta il-PIRS report.[24]

Xehed l-i**Spettur Mario Xiberras** nhar id-9 ta' Frar 2022 fejn ikkonferma li kellem lill-imputat u jghid li hu ma riedx ikellem avukat pero' wara iddecieda li jkellem lil Dr. Simon Micallef Stafrace.[25]

Xehdet **ex-PC 2156 Lara Garzia** fejn esebit numru ta' ritratti peres li kienet marret fuq il-post tal-akkadut.[26]

Xehed **Dr. Noel Cutajar** li ittraskriva l-istqarrijiet tal-imputat mic-CD.[27] Fl-istqarrija tas-6 ta' Gunju 2021[28] l-imputat jghid li l-vettura mhiex tieghu uin-numri taghha huma imcajprin. Jghid li hu ma ghandux x' jaqsam mal-kaz.[29] Hu jghid li meta sar il-hruq hu kien id-dar rieqed[30]. Jishaq li hemm hafna karrozzi bhal tieghu bl-istess pjanci.[31] **Jghid li l-vettura hu biss juzaha u c-cavetta tkun ghandu**.[32] Il-mobile juzah hu, ghalkemm gieli ccempel ohtu u t-tifel ta' ohtu. Jghid li gieli jhallih jiccargja d-dar. Jghid li fejn ihallih isibu. Jirrepeti li kien id-dar. L-iSpettur Scicluna jghidlu li huma ghandhom filmat li fid-9.30 ta' fil-ghaxija hareg u dahal lura fis-1.00 ta' fil-ghodu. L-imputat jinsisti li kien id-dar. Jghid li mar jitfa' xi diesel fil-karrozza tieghu u dahal lura. Dan jaghmlu ghax ma jkunx jista' jorqod. Jghid li ghax il-

[24] Folio 406 tal-process.
[25] Folio 411 tal-process.
[26] Folio 414 tal-process. Hlas Ewro 123.40c. Ir-ritratti juru li it-triq hija pubblika u li jabitaw in-nies. It-triq tidher li hija pjuttos dejqa. Il-vettura giet kompletament mahruqa.
[27] Folio 433 tal-process. Ewro 4.55
[28] L-incident gara bejn is- 16/17 ta' Mejju 2024 jigifieri madwar 20 gurnata qabel.
[29] Folio 455 tal-process.
[30] Folio 455A tal-process.
[31] Folio 456 tal-process.
[32] Folio 456 tal-process.

karrozza bhal tieghu ma jfissirx li hija tieghu.  Jghid li ghand Doris il-habiba tieghu ma tantx spicca sew u kien ilu ma jmur ghandha l-Qajjenza xi xahar. L-iSpettur Mario Sciberras jissuggerilu li wara li ta n-nar lill-karozza huwa mar il-Qajjenza. L-imputat jghid li lil Christabelle Zammit jafha u jaf ukoll lil missierha. Jichad li kien hemm Doris mieghu dak il-lejl u jichad li kien involut f'dan l-akkadut.  Jishaq li hu kien rieqed.  Jghid li baghat sms lil Richard fuq xi speakers ghat-tfal.[33]

Xehed **John Camilleri** nhar is-16 ta' Marzu 2022 u qal li l-vettura ACO 354 tappartjeni lil Monique Borg.[34]

Xehed ghat-tieni darba **PS 90 Jeffrey Gerada** dwar l-investigazzjoni dwar il-vettura tal-imputat in relazzjon mal-filmati tac-CCTV.[35]

Xehdet **Doreen Pickard** u ipprezentat kopja tal-ordni ta' probation fil-konfront tal-imputat mahruga nhar it-12 t' Ottubru 2020.[36]

Xehed **Dr. Christopher Spiteri** ghan-nom ta' Transport Malta nhar it-22 ta' Gunju 2022 fejn ezebixxa d-dettalji tal-vetturi Peogeut ta' diversi persuni.[37]

Xehed l-i**Spettur Jeffrey Scicluna** nhar id-19 ta' Lulju 2022 fejn spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni u fejn allura hu wasal biex jidentifika lill-imputat u jressqu l-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.  Jghid li l-istatura tas-

[33] Folio 465A tal-process.  Ewro 36.66 Folio 466A tal-process.
[34] Folio 467 tal-process.
[35] Folio 487 tal-process.
[36] Folio 492 tal-process.
[37] Folio 503 tal-process.

Sur Grima, fost l-ohrajn kienet taqbel mal-istatura ta' dik il-persuna fil-filmati.[38]

Xehed **Mark Micallef** nhar is-27 ta' Settembru 2022. Jghid li hu tqabbad biex jispezzjona u jibni rapport fuq vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni HAO 135 kif ukoll iqabbel ix-xebh ta' din il-vettura ma' dik tal-filmati u l-istills.[39]

Fir-rapport tieghu a folio 549 tal-process jghid li l-vettura Peugeot 306 HAO 135 giet manifatturata fl-1995 u giet registrat f'Lulju tal-istess sena. Il-valur taghha waqt l-ispezzjoni kien ta' tlett mitt Ewro (€300).

**L-espert tekniku jghid car u tond li l-vettura li spezzjona Ta' Kandja u li tghajjat lill-imputat hija dik identifikata mill-investigaturi.**[40]

Xehed l-espert **Keith Cutajar** nhar is-6 ta' Dicembru 2022 fejn ghamel anaalizi tal-localisation tad-dokument Dok MT 2 li jinsab a folio 105 tal-process. Jghid li fuq dawn iz-zewg mobiles hemm attivita' voluminuza.[41]

Xehedet **Anabel Bugeja** f'isem id-Dipartiment tal-Probation u Parole u qalet li l-ordni mahruga mill-Magistrat Dr. Marseanne Farrugia datata 12 ta' Ottubru 2020 ghadha fis-sehh.[42]

---

[38] Folio 537 tal-process.
[39] Folio 546 tal-process.
[40] Folio 556 sa 560 tal-process. Ara konkluzjoni a Folio 606A tasl-process. Ewro 547.30c
[41] Folio 614 tal-process Folio 646 Ewro 778.55c.
[42] Folio 649 tal-process.

Xehedt **Keith Cutajar** nhar il-11 ta' Jannar 2023 biex jikkjarifika r-rapport tieghu. Hu jghid li l-localisations huma precizi pero' il-mobile ikun qed jaqbez minn antenna ghal ohra.[43]

Xehed **Donald Tabone** nhar is-17 ta' Novembru 2021 fejn ipprezenta kopja tal-filmati diga' ipprezentati fir-rapport originali tieghu.[44]

Xehed l-i**Spettur Mario Xiberras** nhar il-25 ta' Ottubru 2023 u jikkonferma li l-localasation kienet fl-inhawi ta' Bormla.[45] Jghid li waqt l-investigazzjoni kien inqabad ma' antenna fejn sehh in-nar, imbaghad tqabbad l-espert Keith Cutajar. Hu jispjega li huma tawh id-drittijiet skond il-ligi u spjegaw kif inghataw. Jaqbel li arrestawh wara l-incident, xi gimghat wara. Jghid li l-ircevuta a folio 59 Voum 2 ghamilha PS 1166 fil-prezenza tieghu. Ma jirrizultalux li l-imputat kellu xi problema ta' droga waqt li kien qed jigi investigat.

Xehdet **Annabel Bugeja** nhar il-21 ta' Frar 2024 u qalet li hija stazzjonata id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole. Tghid li Grima kien jattendi ghall-appuntamenti u kien qed jikkopera. Tghid li t-testijiet tal-urina kienu fin-negattiv. Issostni li mentalment kien hemm perjodu fejn ma kienx qed ihossu sew. [46]

Xehed **John Camilleri** in rapprezentanza ta' Argos Insurance Co. Ltd. u dan fuq il-vettura ACO 354. Ma jikkonfermax li meta jintemmu dawn il-

[43] Folio 654 tal-process.
[44] Folio 661 tal-process.
[45] Folio 670 tal-process.
[46] Folio 678 tal-process.

proceduri huma ser ihallsu lill-vittma pero' jekk l-vittma ma kellix x' tahti l-insurance thallas.[47]

Xehdet **Antonella Debono** li ippresentat pre-sentencing report li gie immarkata 'Dok AD'.[48] Jidher li l-imputat ghandu problemi ta' sahha mentali pero' jidher ukoll li jikkollabora ma persuni li jistghu jassistuh. Fl-24 ta' Novembru 2024 hu ghamel test tal-urina li gie negattiv ghad-drogi. Gie suggerit li Grima jkompli l-pjan ta' kura psikjatriku tieghu.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikoli tal-ligi applikabbli ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

*318. Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

…………………………………………………………………………………………………………

*325.(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

[47] Folio 683 tal-process. **Toyota Vitz manifatturata 2013. Kienet inxurjata fuq l-ammont ta' Ewro 5,500 (proper market value)- ara Folio 692 tal-process.**
[48] Folio 707 tal-process.

*a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;*

**Ikkunsidrat:**

L-istills migbura mill-cameras tas-sigurta' ta' Triq Dom Mintoff, Bormla a folio 198 sa 205 zgur li mhux bizzejjed biex wiehed isib htija fl-imputat.

L-istills minn folio 275 sa 292 flimkien max-xoghol investigattiv tal-pulizija jistghu iwasslu, kif fil-fatt gara ghall-identifikazzjoni tal-vettura li tghajjat lill-imputat. Ghal darb'ohra min hemm fil-vettura mhux identifikabbli u n-ness bejn l-imputat, dik il-vettura u l-azzjoni kriminali hija biss marbuta bil-fatt li n-numru tac-cellulari tal-imputat kien vicin l-vettura li tqabbdet fil-hin tal-incident.

L-istills folio 301 sa 302 juru lill-imputat qabel l-incident filwaqt li l-istill a folio 303 turi lill-imputat wara l-incident. Mhux car jekk il-persuna li tidher Bormla hiex l-istess wahda li tidher Hal Qormi kemm qabel kif ukoll wara l-incident.

**Minn naha l-ohra l-espert Mark Micallef kien car fil-konkluzjonijiet tieghu, ossija li il-vettura fil-filmati ta' Bormla, fost l-ohrajn hija l-istess bhal dik mehuda mill-pulizija ghall-investigazzjonijiet u li tappartjeni lill-imputat.**

Il-Qorti innutat li waqt l-istqarrija l-imputat cahad li kien involut fil-hruq tal-vettura. Pero' l-investigaturi ma emmnuhx u lanqas mhu ser temmnu din il-Qorti u dan ghaliex il-provi cirkostanzjali ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh

din il-Qorti li fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Mejju 2021 kien hu, u hu biss bil-vettura Peugeot 306 HAO 135 li kienet fl-akkwati tal-incident. Il-mobile tieghu ukoll kien fl-akkwati u kif jistqarr hu lill-investigaturi l-vettura *de quo* u c-cellulari *de quo* **jaghmel uzu minnhom hu biss**. Barra minn dan, il-Qajjenza fejn gie ittraccat ic-cellulari tieghu wara l-akkadut, hemm tghix dik li dak iz-zmien kienet is-siehba tieghu, xi haga li hu wkoll jistqarr u jikkonferma mal-investigaturi li gieli imur ghandha ghall-kumpanija u biex jorqod. Il-Qorti ma tistax temmen lill-imputat li hu hareg xi ftit fid-9.30 ta' fil-ghaxija biex jaghti id-dizil lill-vettura u forsi jiekol xi haga. Hu kien parti min pjan, jekk il-pjan ma kienx tieghu, biex jaghmlu vendikazzjoni lil xi hadd u adopera lilu innifsu ghal dan il-pjan kriminuz. Mid-dibattiment tal-kawza hu ma joffri l-ebda difiza u lanqas minimament u serjament ma' jipprova ixejjen l-evidenza probatorja imressqa mill-prosekuzzjoni.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandHa ssib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-ksur ta' l-Ordni ta' Probation din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. Il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din l-akkuza skond il-ligi. L-Assistent Registratur Franklin Calleja kien car u tond fix-xhieda tieghu li din l-ordni kienet fis-sehh in relazzjoni mas-sentenza li hu iccita u li minnha ma kien l-ebda appell.

Din il-Qorti ghalhekk ser taghti l-provvediment mehtieg sabiex dik il-Qorti tipprovdi ghal tali ksur u titratta mal-hati ai termini tal-ligi.

**Ikkunsidrat:**

Ai fini ta' piena din il-Qorti hasbet fit-tul u ikkunsidrat is-segwenti fatturi:

1. Li l-imputat mhux l-ewwel darba li xellef dufrejh mal-gustizzja;
2. Li hu ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation;
3. Li hu kellu tmienja u tletin (38) sena meta ghamel ir-reat u allura suppost kien persuna matura;
4. Li hu ma ikkoperax mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet u allura terzi persuni ohra possibilment ma setghux jingabu biex iwiegbu ghal ghemilhom;
5. Li hu ma kellux rimors ghal dak li ghamel u ghadu ma ikkompensax lill-vittma;
6. Li r-reat hu gravi u li sar fi triq pubblika u fejn hemm diversi residenzi;
7. Li hu f'dawn il-proceduri ma kellu l-ebda difiza x'joffri u hela hafna hin u rizorsi tal-Qorti u tal-pulizija fost l-ohrajn;
8. Li hu ikkopera mal-ufficjal tal-probation u jidher li jrid jindirizza l-problemi psikjatrici li ghandu;

Il-Qorti, minhabba li hu qed jikkopera mas-servizzi tal-probation u mal-psikjatri, tqis li ghandha taghtih <u>l-ahhar okkazjoni</u> biex hu jindirizza l-problemi li qed jahkmuh issa li issupera l-eta' ta' erbghin (40) sena.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 318, 325(1), 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 7, 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **ABRAHAM GRIMA HATI** tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah **sentejn habs (2) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perjodu massimu ta' erba' (4) snin.**

Oltre minn dan il-Qorti ai termini tal- artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-hati Abraham Grima taht Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.

Inoltre qed tikkundanna lill-hati Abraham Grima sabiex ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elfejn u disa' mija u hamsa u sittin Ewro u tmintax-il centezmu (€2,965.18c) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta[49]. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu **fi zmien xahrejn (2)** minn meta din is-sentenza issir *res judikata* altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Inoltre ai termini tal-artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hati li jhallas l-valur tal-vettura Toyota Yaris ACO 354 bil-valur ta' kemm kienet tiswa fis-suq fis-sena tal-akkadut skond id-dokument tal-assigurazzjoniipprezentat in atti, ossija hamest'elef u hames mitt Ewro (€5,500) lil Christabelle Zammit, mhux aktar tard minn sitt xhur kif jipprovdi l-istess Artiklu, minn meta s-sentenza issir *res judicata*. Din l-ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-hati Abraham Grima biex ma javvicina bl-ebda mod lil Christabelle Zammit ghal zmien sena mil-lum.

Barra minn dan ai termini tal-Artikolu 23(b) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex din is-

[49] Daniel Tabone- Ewro 885.07c; Dr. Daniel Vella- Ewro 589.65c, PC 2156 Garzia- Ewro 123.40c, Dr. Noel Cutajr Ewro 4.55 u Ewro 36.66c, Mark Micallef – Ewro 547.30c u Keith Cutajar- Ewro 778.55c.

sentenza tigi a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Marseanne Farrugia sabiex il-hati jigi trattat ghall-ksur tal-ordni ta' probation mahruga minn dik il-Qorti.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tingab a konjizzjoni tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali halli immedjatament fil-hin opportun jigbor dak li hu dovut mill-hati.

Tordna ukoll lill-ufficjali prosekuturi jikkomunikaw l-ezitu ta' dawn il-proceduri lill-vittma Christabelle Zammit b'mod ufficjali sabiex hija tkun tista' tigbor l-ammont dovut lilha fit-termini hawn fuq decizi.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess u ma jottemperax ruhu ma' dak hawn fuq deciz.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata immedjatament lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga minnufih fuq is-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Heidi Zammit

Deputat Registratur